Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 431/12

**Roberta Messina (ID 411169M)**

**vs**

**Dr Toni Abela bħala editur tal-gazzetta *"Kulħadd",* u b'digriet tas-16 ta' Novembru 2016 Aleander Balzan (ID 586485M) assuma l-atti**

4 ta' Ġunju 2018.

1. **Din hija azzjoni għad-danni minħabba artikolu allegatament malfamanti fil-konfront tal-attriċi li deher fil-gazzetta *"Kulħadd".***

2. Fir-rikors tagħha li ġie ppreżentat fid-19 ta' Diċembru 2012 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attriċi Roberta Messina lmentat illi hija ħassitha offiża bl-artikolu intitolat "*Tajba għal tal-Qalba*" ippubblikat f'paġna 40 tal-ħarġa tal-gazzetta *"Kulħadd"* tat-2 ta' Diċembru 2012, stante li jagħti x' jifhem lill-qarrej ordinarju li hija ġiet favoreġġjata minħabba fatturi oħra u mhux il-kompetenza tagħha fil-proċess tal-għażla tal-kariga li tokkupa, oltre li hemm numru ta' fatti żbaljati u esaġerati. Għalhekk talbet lill-qorti:

   (i) tiddikjara li l-imsemmi artikolu jikkontjeni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malfamanti fil-konfront tagħha u li għandu bħala skop li joffendi l-unur u l-fama tagħha u li jesponiha għar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku u/jew li jnaqqas ir-reputazzjoni tagħha; u

   (ii) tikkundanna lill-konvenut iħallasha somma likwidata in linea ta' danni skont il-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248).

3. Skont ma jirriżulta mir-riferta l-konvenut ġie notifikat bir-rikors tal-attriċi fit-3 ta' Jannar 2013, fl-indirizz taċ-Ċentru Nazzjonali Laburista, iżda huwa ma ppreżentax ir-risposta tiegħu, u għalhekk huwa fl-ewwel seduta (tal-15 ta' Frar 2013) l-ewwel qorti ddikjaratu kontumaċi.

4. Fit-30 ta' April 2013 il-konvenut ippreżenta rikors biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Sostna li huwa effettivament qatt ma ġie notifikat bl-atti tal-kawża. Aċċenna għall-fatt li l-firma fuq il-*pink card* mhix tiegħu iżda ta' ċertu Anna Maria Vella. Spjega li l-ħaddiema taċ-Ċentru Nazzjonali Laburista naqsu milli jinfurmawh personalment bl-atti minħabba li kienu impenjati bil-kampanja elettorali. L-ewwel qorti fis-7 ta' Mejju 2013 laqgħet it-talba tiegħu biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu annessi mal-istess rikors.

5. Il-konvenut Dr Toni Abela eċċepixxa:

(i) Illi l-kontenut li minnu qed tillamenta r-rikorrenti bla ebda mod ma jinġurja, jtellef il-ġieħ jew ir-reputazzjoni jew b' xi mod ieħor jimmalafama lill-istess rikorrenti;

(ii) Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti għandu kull dritt li jipprattika l-liberta` tiegħu tal-espressjoni;

(iii) Illi ukoll bla preġudizzju għas-suespost, il-kontenut mertu tal-kawża huwa "fair comment" li huwa permissibbli f' kull soċjeta` demokratika li tħaddan bi sħiħ il-liberta` tal-espressjoni;

(iv) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk permissibbli fil-liġi.

6. Fid-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet t-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €4,000 bħala danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248. Bl-ispejjeż u imgħax fuq is-sorte mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-konvenut.

7. Il-konvenut Aleander Balzan ħass ruħu aggravat b'tali deċiżjoni u għalhekk fit-28 ta' Ġunju 2017 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti fejn talabha tħassar is-sentenza appellata *in toto* u tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata jew alternattivament, għalkemm tikkonferma s-sentenza in kwantu ġie dikjarat li l-artikolu huwa libelluż, tirriduċi l-kwantum tad-danni.

8. L-aggravji tiegħu jirrigwardaw:

(1) il-konklużjoni tal-ewwel qorti li l-artikolu huwa malfamanti abbażi tal-fatt li:

(a) huwa mimli informazzjoni skorretta, u
(b) għaliex jagħti x' jifhem li l-attriċi gawdiet minn favuri, u

(2) l-kwantum tad-danni likwidati.

9. L-ewwel aggravju: *(li mhux minnu li l-artikolu huwa malfamanti)*

*(a)* *L-inkorrettezzi*

Il-konvenut jilmenta li l-ewwel qorti kienet żbaljata meta ddikjarat li l-artikolu in kwistjoni "*kien mimli informazzjoni skorretta u esaġerata, intiża sabiex titfa dell ikrah fuq ir-rikorrenti*". Huwa jirrikonoxxi illi l-artikolu fih "*xi inkorrettezzi*", pero` jsostni illi l-fatti addebitati, għalkemm impreċiżi, mhumiex *per se* malfamanti.

*(b)* *L-allegat favoritiżmu*

Il-konvenut appellant jikkontendi wkoll illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta ddikjarat li l-artikolu jagħti x' jifhem li l-appellata ġiet favoreġġjata. Isostni li l-artikolu ma tax tali impressjoni, iżda sempliċiment ġibed l-attenzjoni tal-qarrej dwar il-konnessjonijiet politiċi tagħha. Huwa jaċċenna għall-fatt li l-attriċi għandha żewġ karigi mal-gvern u għalhekk hija soġġetta għall-skrutinju tal-pubbliku. Isostni li huwa d-dmir tiegħu li jgħarraf lill-pubbliku b'dak li qed iseħħ sabiex jaċċerta trasparenza u kontabilita` sħiħa f' soċjeta` demokratika.

10. It-tieni aggravju: *(li d-danni likwidati huma eċċessivi)*

Jilmenta illi fi kwalunkwe każ is-somma likwidata ta' €4,000 kienet għolja wisq, u dan stante li l-artikolu huwa sostanzjalment veru minkejja l-ineżattezzi imsemmija, u wkoll meqjus il-fatt li dak li inkiteb ma kienx goff jew malizzjuż, jew li akkorda aġir kriminuż jew ta' stmerrija.

Jgħid ukoll li l-ewwel qorti ma kellhiex talloka porzjon (indeterminat) tad-danni għad-delungar tal-proċeduri u għad-differimenti mitluba, peress li skont l-Artikolu 28 tal-Kap 248 il-kumpens għandu jirrifletti biss id-danni morali sofferti per konsegwenza tal-kontenut malfamanti.

11. Fid-29 ta' Settembru 2017 l-attriċi appellata wieġbet biex tgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

**L-artikolu mertu tal-kawża.**

12. Fil-gazzetta "*Kulħadd*" tat-2 ta' Diċembru 2012[1] kien pubblikat artiklu:

*"TAJBA GĦAL TAL-QALBA*

*Hekk kif GonziPN kien qiegħed jaħseb biex jikri l-Isptar San Filippu mingħand l-eks-President tal-PN, Frank Portelli għas-somma fenomenali ta' €12.4 miljun, jiġifieri għal €850,000 fis-sena għal seba' snin sħaħ, kien imiss issa li anke aktar karigi importanti f' dan l-isptar jimtlew mill-'ħbieb tal-ħbieb' tal-klikka ta' GonziPN.*

*Fost il-karigi vakanti li nħolqu biex ikun jista' jitmexxa dan l-isptar hemm dik ta' Kap Eżekuttiv.*

*Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal din il-kariga għalqet fit-12 ta' Ottubru li għadda.*

*Il-gazzetta Kullħadd tinsab infurmata li l-persuna li intgħażlet biex tokkupa din il-kariga hija Roberta Messina li tiġi mart l-Avukat Peter Fenech li mexxa l-kampanja għal-leadership tal-PN f' isem l-eks-Ministru Nazzjonalista Louis Galea.*

*Roberta Messina li hija mir-Rabat, li jaħbat ukoll fid-distrett tal-Ministru tas-Saħħa Joe Cassar, hija bint Charles Messina, li ftit ġimgħat ilu nħatar fil-kariga ta' Kummissarju għas-Saħħa fl-Uffiċċju tal-Ombudsman.*

*Imma din mhijiex l-unika kariga li Roberta Messina ngħatat mill-Gvern ta' GonziPN dan l-aħħar.*

*Fil-ġimgħat li għaddew, l-istess Messina nħatret Chief Operating Officer tal-Isptar għar-Riabilitazzjoni Karen Grech, li ladarba jibda jopera l-Isptar San Filippu, jagħlaq. Biex tokkupa din il-kariga hija ngħatat salarju ta' €50,000, barra l-perkaċċi.*

*Roberta Messina hija wkoll iċ-Chairperson tal-Awtorita` tas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol, u għal din il-kariga għandha salarju ta' €30,000 fis-sena.*

*Peter Fenech, li huwa r-raġel ta' Roberta Messina, bħalissa jokkupa l-kariga ta' Chairman ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi u t-Teatru Manoel, kariga li tagħha qiegħed jitħallas eluf kbar ta' ewro fis-sena. Apparti minn hekk għandu karozza mikrija u mħallsa minn fondi pubbliċi.*

*Fenech qiegħed igawdi minn dawn il-benefiċċji kollha minkejja li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Dar il-Mediterran u t-Teatru Manoel jinsabu fi stat ħażin ħafna tant li ż-żewġ entitajiet lanqas għandhom biex jixtru l-materjali meħtieġ għall-manutenzjoni li jeħtieġu.*

*Peter Fenech huwa wkoll membru tal-Awtorita` tax-Xandir fejn jirrappreżenta lill-Partit Nazzjonalista."*

[1] Il-gazzetta hija esebita bħala Dok RM2, u l-artikolu jinsab fl-aħħar paġna.

**Konsiderazzjoni dwar l-ewwel aggravju:**

13. Jibda' biex jingħad li l-attriċi mhix qed tikkontesta s-segwenti asserzjonijiet li saru fl-artikolu mertu tal-kawża:

- L-attriċi hija bint Charles Messina, Kummissarju tas-Saħħa fl-Uffiċċju tal-Ombudsman;

- L-attriċi hija mart l-Avukat Peter Fenech, li mexxa l-kampanja għal-leadership tal-PN f' isem l-eks Ministru Nazzjonalist Louis Galea, u li jokkupa l-kariga ta' Chairman ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi u t-Teatru Manoel;

- L-attriċi (fix-xhur preċedenti għall-artikolu) inħatret *Chief Operating Officer* tal-Isptar Karen Grech;

- L-attriċi għandha wkoll kariga ta' *Chairperson* tal-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol.

14. Hija invece qed tikkontesta li:

- **L-attriċi hija mir-Rabat, li jaħbat ukoll fid-distrett tal-Ministru tas-Saħħa Joe Cassar.**

  Dan fil-fatt mhux minnu. L-attriċi xehdet li qatt ma għexet f' distrett li jikkontesta politikament il-Ministru tas-Saħħa Joe Cassar. Skont l-estratti mir-Reġistru Elettorali[2] esebiti minnha, fil-perjodu bejn Ottubru 1992 u Jannar 2013 jirriżulta li hija kienet reġistrata fl-Iklin, fin-Naxxar u f' Ħal Lija.

- **L-attriċi intagħżlet għall-kariga ta' Kap Eżekuttiv fl-Isptar San Filippu.**

  Dan ukoll mhux minnu. L-attriċi xehdet li hija ma ntagħżlitx għal tali kariga. Hija esebiet *email* datata 29 ta' Jannar 2013[3] mibgħuta lilha minn ċertu Karmenu Mifsud (HR Executive fil-Foundation for Medical Services) fejn infurmaha illi b'riferenza għall-applikazzjoni tagħha "*for the position of Chief Executive Officer, Rehabilitation Services – Ministry for Health, the Elderly and Community Care….I write to courteously inform you that you have not been selected for this position.*"

---

[2] Dok RM4, fol 15-24.

[3] Dok RM3, email, fol 14.

- **L-attriċi bħala *Chief Operations Officer* tal-Isptar Karen Grech titħallas salarju ta' €50,000 barra l-perkaċċi.**

Skont ma jirriżulta mill-kuntratt relattiv[4] datat 30 ta' Lulju 2012 (li huwa wieħed definit għal tlett snin), is-salarju tagħha fil-fatt huwa biss ta' €35,300. Imbagħad bħala perkaċċi għandha:

| | |
|---|---|
| *Performance bonus* sa massimu ta' 10% | €3,530 |
| *Car allowance* | €4,333 |
| *Professional Membership Allowance* | € 466 |
| *Continuous Professional Membership Allowance* sa massimu ta' | € 971 |
| *Mobile phone + unlimited calls & data* | € 720[5] |

Għalhekk għalkemm (kif argumenta l-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu) id-dħul tagħha huwa potenzjalment ta' €45,320, tali ammont jinkludi *allowances* u benefiċċji oħra.

- **L-attriċi bħala Chairperson tal-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol għandha salarju ta' €30,000 fis-sena**.

Kif jirriżulta mill-FS3[6] għas-sena 2011, is-salarju relattiv għal dik il-kariga fl-OHSA (Occupational Health & Safety Authority) kien €13,976 fis-sena.

15. Il-konvenut jaċċetta li hemm inkorrettezzi għalkemm isostni li waħedhom mhumiex malafamanti. Inkorrettezzi li bihom ikompli jżid id-doża dwar l-allegazzjoni li l-attriċi hi persuna 'tal-qalba' tal-Partit Nazzjonalista u gawdiet b'kariga oħra. Allegazzjoni li m'hijiex vera.

16. Huwa wisq evidenti illi l-għan wara l-artikolu hu li jpoggi lill-attriċi f'kategorija ta' nies li allegatament kienu qegħdin 'igawdu' taħt il-Gvern Nazzjonalista. Ma jirriżultax li l-attriċi hi midħla tal-politika, għalkemm hu fatt magħruf li matul is-snin żewġha kellu konnessjoni mal-Partit Nazzjonalista.

17. It-Titlu tal-artikolu hu *"Tajba għal tal-Qalba"*. L-awtur għamilha fatta li l-attriċi kienet intgħażlet għall-kariga ta' kap eżekuttiv fl-isptar St Philip's. Kariga li

[4] Dok RM6, kuntratt, fol 26-32.
[5] Fin-nota tagħha tas-27.01.2014, l-attriċi ddikjarat bil-ġurament tagħha li l-pakkett ta' telefonija li hija ġiet assenjata huwa tat-tip Limitless GO mal-kumpanija GO p.l.c. u li permezz tiegħu, hija tirċievi rimbors ta' €60 fix-xahar (cioe €720 fis-sena).
[6] Dok RM7, FS3 għas-sena 2011, fol 33.

tagħti x'tifhem lill-qarrej li ntgħażlet għaliha minħabba li hi mart l-avukat Peter Fenech u mid-distrett tal-Ministru tas-Saħħa ta' dak iż-żmien. Pero' m'hemm l-ebda prova li l-attriċi ngħatat dik il-kariga. Għalhekk għal finijiet ta' din il-kawża l-aħbar hu *'false news'*.

18. L-artikolu jkompli li Messina hi Chief Operating Officer tal-Isptar ghar-Rijabilitazzjoni Karen Grech u Chairperson tal-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol. Dan hu minnu. Pero' l-artiklu nkiteb mhux għaliex l-attriċi kellha dawk iż-żewġ karigi imma għaliex skont il-ġurnal kienet intgħażlet għall-kariga ġdida ta' kap eżekuttiv tal-Isptar St Philip's. Tant hu hekk li fl-ewwel paragrafu intqal li, l-aktar karigi importanti fl-isptar St Philip's kienu ser jingħataw lil *"ħbieb tal-ħbieb tal-klikka ta' GonziPN"*. Dak kien is-suġġett li wassal biex jinkiteb l-artiklu in kwistjoni.

19. Pero' l-konvenut baqa' ma tax prova li l-attriċi kienet ġiet magħżula għal dik il-kariga. Għalhekk id-difiża tal-kumment ġust ma setatx tirnexxi mingħajr ma ssir il-prova li, *"l-persuna li ntgħażlet biex tokkupa din il-kariga hija Roberta Messina"*.

20. Fir-rikors tal-appell issemma wkoll il-fatt li r-rikorrenti hi bint Charles Messina, Kummissarju għas-Saħħa fl-Uffiċċju tal-Ombudsman. M'hemm l-ebda prova li din il-persuna qatt kellha xi konnessjoni mal-Partit Nazzjonalista jew per eżempju li meta nħatar f'dik il-kariga, il-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien kien oġġezzjona minħabba per eżempju li l-persuna suġġerita hi *politically biased*. Għalhekk ir-riferenza għal Charles Messina kienet għal kollox irrilevanti u ntiża biex tkompli tenfasizza li dak li l-attriċi rnexxielha tikseb fil-professjoni tagħha hu minħabba favuri politiċi. Hawnhekk ikompli joħroġ biċ-ċar kif l-awtur ma kellux interess li jkun imparżjali u li jippreżenta l-verita.

21. F'kull każ il-fatt waħdu li l-attriċi hi miżżewwġa lill-avukat Fenech li b'mod jew ieħor għandu konnessjoni mal-Partit Nazzjonalista, ma jfissirx li l-karigi pubbliċi li tokkupa jew li kienet tokkupa, kienu minħabba l-fatt li hi 'tal-qalba'. Il-qarrej kellu jingħata iktar tagħrif sabiex qorti tkun tista' tikkonkludi li

kumment bħal dak ikun oġġettivament ġust. Fil-każ in eżami mhemmx per eżempju provi relatati mad-data tal-ħatra tal-attriċi bħala Chairperson tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta u minn min inħatret. F'kull każ hu fatt magħruf ukoll li f'kariga ta' dik ix-xorta, hafna drabi il-Gvern, hu min hu, ipoggi persuni ta' fiducja tieghu. Sistema li taqbel jew ma taqbilx magħha, għall-raġunijiet ovvji l-ebda wieħed mill-partijiet politiċi mill-kbar mhu ser ibiddel. Il-konvenut ma jistax jinqeda f'dawn il-proċeduri b'dik il-kariga li ngħatat lill-attriċi biex jipprova jsalva l-każ, meta tqies ukoll li l-artiklu nkiteb mhux minħabba li l-attriċi kieent Chairperson tal-imsemmija Awtorita'.

22. Hekk ukoll m'hemmx tagħrif dwar il-mod kif l-attriċi ntagħżlet għall-kariga ta' Chief Operating Officer. Lanqas mhemm xi prova li ma kellhiex il-kwalifiki jew il-kompetenza biex tingħata dik il-kariga, jew prova li kien hemm ħaddieħor li kien iktar kwalifikat minnha. Inoltre, bir-raġunament tal-ġurnal, jekk l-attriċi kienet verament 'tal-qalba' kellha tingħata l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tar-Rehabilitation Services. Kariga li rriżulta li applikat għaliha iżda li ma ngħatatx (ara email tad-29 ta' Jannar, 2013). Ċirkostanza li anzi tindika li l-attakk fuq l-attriċi sar bla bżonn.

23. Il-liberta tal-espressjoni m'huwiex dritt li tigdeb dwar in-nies. Il-ġurnali għandhom obbligu li jirraportaw il-verita' u mhux li jivvintaw fatti bil-għan li jattakkaw ir-reputazzjoni ta' ħaddieħor għall-*political mileage*. Id-dritt fundamentali tal-liberta tal-espressjoni mhuwiex hemm biex jiddefendi lill-giddieb. F'demokrazija, li wiehed jikkritika l-agir tal-avversarju politiku hu essenzjali, iżda l-kritika trid issir in *bona fede* u tkun bażata fuq fatti li huma veri u mhux ħrejjef.

24. Ovvjament f'proċeduri ta' din in-natura, il-konvenut għandu jingħata kull opportunita' li jagħti prova tal-verita' tal-fatti. F'dan il-każ l-opportunita altru milli ngħatat iżda il-prova baqghet ma saritx. Anzi mill-provi rrizulta l-oppost ta' dak li gie allegat, apparti taghrif iehor li hemm fl-artiklu li kien ferm 'il boghod mill-verita. Cirkostanza ohra li tkompli turi gurnalizmu tad-dilettanti.

25. F'dan il-każ lanqas ma jirriżulta li l-ġurnal kellu d-diċenza li sussegwentement jikkoreġi il-fatti foloz li qal dwar l-attriċi, minkejja li altru milli kellu biżżejjed żmien biex jagħmel dan. Ġurnalist serju u onest m'għandux jiddejjaq milli jiskuża ruħu fejn ikun irrapporta fatti li m'humiex minnhom.

**<u>Konsiderazzjoni dwar it-tieni aggravju:</u>**

26. L-ewwel qorti ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €4,000 bħala danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Aktar 'il fuq pero`kienet osservat illi l-kawża twalet inutilment minħabba l-aġir tal-konvenut u d-dilungar inutili u bla bżonn għal erba' snin sħah (wara li l-attriċi kienet għalqet il-provi tagħha), u kkummentat illi dan il-fatt:

*"…ma jistax ma jiġix ikkundannat bil-kbir u kkastigat kif meħtieġ. Dana għalhekk ser ikun rifless fid-danni illi eventwalment tikkunsidra din il-qorti."*

27. Ifisser għalhekk li l-ammont ta' €4,000 jinkludi parti li tirrifletti tali "kastig". Dwar dan l-aggravju l-konvenut għandu raġun. Dik it-tip ta' miżura m'hijiex kontemplata fl-Artikolu 28[7] tal-Kapitolu 248.

28. Filwaqt li m'hemmx dubju li dan il-kaz ħa ferm iktar żmien milli kien hemm bżonn sabiex jinqata', hu minnu wkoll li hu d-dmir tal-qorti li ma tippermettix li l-kawżi jitwalu inutilment. Il-liġi tal-proċedura tikkontempla għal sanzjoni għal min itawwal il-kawża (ara paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kap. 12). Għalhekk jekk l-ewwel qorti deherilha li l-konvenut tawwal il-proċediment inutilment, kellha tirrikorri għar-rimedju li tikkontempla l-liġi u tieqaf hemm.

29. Wara li l-qorti qieset dak kollu li ngħad hawn, ser tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000).

---

[7] Art 28(1) "*Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3,* (pubbkazzjoni jew tqassim f' Malta ta' stampat) *li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali,* ***tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)"***

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel aggravju filwaqt li tilqa' t-tieni aggravju, u tvarja s-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 2017 billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000), bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel qorti. Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu a karigu tal-konvenut filwaqt li l-ispejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 80% a karigu tal-konvenut u 20% a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.